**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 17 ta' April 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 71/2013JVC**

**Id-Direttur tal-Agenzija tal-Pagamenti**

**vs**

**Mario Vella**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tad-Direttur tal-Pagamenti li ppremetta:

1. Illi fis-sena 2004 kien gie mniedi fond mill-Unjoni Ewropea b'kollaborazzjoni mal-iStati Membri sabiex tinghata ghajnuna finanzjarja lil min jiddikjara li ghandu hitan tas-sejjieh tal-lqugh biex iranga.

2. Illi l-konvenut kien ipprezenta pjan tat-tmexxija fil-15 ta' Ottubru 2004 sabiex jibbenefika minn dawn il-fondi kif juri d-dokument hawn anness u mmarkata bhala Dok. DAP1.

3. Illi permezz ta' skrittura datata 25 ta' Novembru 2004, il-konvenut kien gie infurmat illi t-talba tieghu taht l-iSkema ghar-restawr tal-Hitan tas-Sejjieh ta' Lqugh kienet giet milqugha u li l-imsemmi xoghol kellu jkun lest sal-31 ta' Novembru 2009 (dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok DAP2).

4. Illi fl-istess skrittura, is-Sur Vella kien gie infurmat illi kien intitolat ghas-somma ta' hamsa u tmenin elf, tmien mija u hamsa u disghin ewro (€85,895) mifruxin fuq hames snin u dan stante illi kien iddikjara li ghandu erbat elef mitejn u erbgha u disghin punt sebgha hamsa metru kawdru (4294.75m$^2$) hitan tas-sejjieh.

5. Illi l-ewwel pagament kien ta' sbatax-il elf tlett mija u dsatax-il ewro u hames centezmi (€17,319,05), kif muri fid-dokument hawn anness u mmarkata bhala Dok DAP3).

6. Illi wara dan il-pagament kienu saru xi pagamenti ohra fis-sena elfejn u disgha (2009) fl-ammont separati ta' tlett elef sitt mija u tlieta u tmenin ewro u erbghin centezmu (€3,683.40), tlett elef sitt mija u tlieta u tmenin ewro u erbghin centezmu (€3,683.40) u ta' elfejn erbgha mija u tnejn u hamsin u tmenin centezmu (€2,452.80).

7. Illi ghalhekk it-total li inghata lis-Sur Vella bhala ghajnuna finanzjarja huwa ta' sebgha u ghoxrin elf, mija u tminja u tletin ewro u hamsa u sittin centezmu (€27,138.65).

8. Illi sussegwentement il-kuntratt fuq imsemmi gie mgedded sal-31 ta' Dicembru 2011 liema estensjoni saret permezz ta' skrittura datata 10 ta' Jannar 2011 u ffirmata mill-konvenut stess (dokument hawn anness u mmarkt bhala Dok DAP4).

9. Illi mill-verifikazzjonijiet li kienet ghamlet l-Agenzija tal-Pagamenti kien irrizulta illi l-konvenut kellu elf u hdax punt hamsa hamsa metru kwadru (1,011.55m$^2$) hitan tas-sejjieh u mhux kif kien hemm iddikjarat fil-ftehim originali u cioe ta' erbgha u disghin punt sebgha hamsa metru kwadru (4,294.75m$^2$).

10. Illi b'konsegwenza ta' dik id-dikjarazzjoni, il-konvenut thallas ferm aktar milli suppost kellu jiehu.

11. Illi kif ga gie msemmi taht premessa numru hamsa, is-Sur Vella ircieva bhala l-ewwel pagament is-somma ta' sbatax-il elf tlett mija u dsatax-il ewro u hames centezmi (€17,319.05) meta fil-verita' kien intitolat bhala l-ewwel pagament is-somma ta' erbat elef u sitta u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€4046.20) kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok DAP5.

12. Illi meta l-Agenzija tal-Pagamenti regghu marru fuq il-post sabiex jaraw jekk il-kuntratt kienx gie onorat u cioe jekk il-hajt kollu ta'

1,011,55$m^2$ kienx inbeda kollu kien irrizulta li s-Sur Vella kien bena biss sbatax fil-mija (17%) – dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok DAP6.

13. Illi s-Sur Vella jaf ben tajjeb illi jekk ma jonorax l-obbligu li hu kien dahal fih, hu kellu jirrifondi lura l-ghajnuna moghtija lilu taht l-imsemmija Skema mill-Agenzija tal-Pagamenti (Dok DAP4).

14. Illi l-konvenut iltaqa' ma rapprezentanti tal-esponenti fis-7 ta' Mejju 2012 sabiex isibu soluzzjoni ghal dan il-ksur izda baqa inadempjenti.

15. Illi l-konvenut gie infurmat b'dan il-ksur ripetutament u gie wkoll interpellat diversi drabi permezz ta' ittri bonarji kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Lulju 2012 sabiex jirrifondi lura s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, mija u tminja u tletin ewro u hamsa u sittin centezmu (€27,138,65) izda dan xorta baqa inadempjenti (dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok DAP7.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponent huwa kreditur ta' Mario Vella;

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-esponenti okkorendo anke bin-nomina ta' perit;

3. Tordna lil konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Mario Vella fejn gie eccepit:

1. Illi ghalkemm mhux jigi kontestat illi l-esponenti bbenefika minn fondi kif mahruga mill-agenzija tal-pagamenti, jikkontesta *in toto* illi huwa debitur fil-konfront tal-attur;

2. Illi l-esponenti jikkontesta illi huwa ghamel xi haga hazina jew ha xi fondi li ma kellux jiehu jew li ma kienx intitolat ghaliha;

3. Illi ghalhekk l-ewwel talba qed tigi kkontestata;

4. Illi konsegwentament qed jikkontesta t-tieni talba;

5. Illi konsegwentament qed jikkontesta t-tielet talba.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti u l-provi kollha mresqa fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Dicembru, 2017 l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza tikkonsisti f'talba tad-Direttur tal-Agenzija tal-Pagamenti sabiex il-konvenut Mario Vella jigi ordnat ihallas lura l-ammont kollu ta' sussidju li huwa rcieva minghand l-istess Agenzija liema sussidju kien inghata sabiex jigu restawrati numru ta' hitan tas-sejjieh tal-lqugh fl-eghlieqi mahduma mill-istess konvenut. Dan kien rizultat ta' skema li giet fis-sehh fis-sena 2004. Il-konvenut da parti tieghu ma jikkontestax li huwa rcieva ammont ta' flus f'ghajnuna izda jikkontesta li huwa ma zammx mal-obbligi skond l-iskema u jikkontesta wkoll li ghandu jrodd xi flus lura lill-Agenzija.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti mill-atti li fis-sena 2004 kien gie mniedi fond mill-Unjoni Ewropeja b'kollaborazzjoni ma l-iStati Membri fosthom Malta sabiex tigi moghtija ghajnuna finanzjarja lil bdiewa li jkollhom hitan tas-sejjieh tal-lqugh (cioe' li jzommu l-hamrija) biex jirrangaw l-istess hitan. Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-konvenut kien applika ghal dawn il-fondi lura f'April tas-sena 2004. Fil-15 ta' Ottubru, 2004 l-konvenut kien iffirma pjan ta' tmexxija fejn indika n-numru ta' eghlieqi fejn skont hu kienu jinsabu l-hitan li kien jehtiegu jissewwew (ara fol. 5 et seq). Bhala parti minn din id-dikjarazzjoi ffirmata l-konvenut iddikjara kif isegwi:

'Jiena gejt mgharraf bis-sanzjonijiet u l-pieni li ser jigu applikati f'kaz li d-dikjarazzjoni tieghi ma tkunx korretta u li dan jista' jwassal ghal telf ghal-ghajnuna mitluba taht din l-iskema kif ukoll taht skemi ohra ta' ghajnuna tal-Komunita' Ewropea.' (ara fol.6)

Konsegwentement il-konvenut ukoll ma' jikkontestax li huwa kien ircieva ittra offerta (esebita fol. 7 et seq tal-process) datat 25 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha kien gie nfurmat li t-talba tieghu ghall-ghajnuna taht din l-iskema partikolari kienet giet milqugha. Din l-ittra offerta li tikkonsisti fi tlett faccati tindika l-metri kwardi ta' hitan mwaqqa li ser jigu rrestawrati permezz ta' l-ghajnuna bhala 4294.75 $m^2$. Tindika wkoll li abbazi ta' dawn il-metri kwadri ta' hitan allura l-ammont totali ta' ghajnuna li kien ser jircievi l-konvenut kienet ta' hamsa u tmenin elf, tmien mija u hamsa u disghin Euro (€85,895.00) u l-modalita' ta' kif dawn kienu ser jithallsu.

Illi l-istess ittra ta' l-offerta tindika wkoll l-obbligi u kundizzjonijiet marbuta ma' l-iskema fosthom l-obbligu li x-xoghol kellu jitlesta sas-sena 2009, li ghal kull 500$m^2$ ta' hitan tas-sejjieh il-beneficcjarju jrid jkollu 10,000$m^2$ raba tinhadem li tkun irregistrata mal-Agenzija tal-Pagamenti; li kull sena fuq perjodu ta' hames snin kellhom jigu restawrati 20% mill-hitan, li jirrestawraw il-hitan tas-sejjieh ta' lqugh imwaqqa' skont metodi tradizzjonali kif imfisser fil-Linji Gwidi ta' l-iskema, iharsu u jmantnu l-hitan tas-sejjieh irestawrati permezz tal-fondi miksuba taht din l-iskema ghal perjodu ta' 25 sena minn mindu jsir ir-restawr, li jaghrfu u xi jfisser li fil-kaz li jigi kkonfermat li d-dikjarazzjoni taghhom ma tkunx korretta jew fil-kaz li ma jigux irrispettati l-obbligi, hlief f'kaz ta' *Force Majeure*, jigu applikati l-mizuri skont il-ligi ta' l-Agenzija tal-Pagamenti ta' Malta u finalment li f'kaz ta' cirkustanza *Force Majeure* li minhabba fiha ma jkunux jistghu jigu onorat u mwettqa l-obbligi marbuta ma' l-iskema, ghandhom jinnotifikaw lill-Agenzija tal-Pagamenti (MRAE) bil-miktub

fi zmien ghaxart'ijiem minn mindu jsehh il-kaz fejn jispjegaw x'gara u jaghtu wkoll il-provi mehtiega. L-istess ittra ta' l-offerta telenka wkoll il-pieni applikabbli f'kaz ta' ksur tal-obbligu da parti tal-beneficjarju. Hemm indikat ukoll fl-ittra offerta x'ghandu jsir f'kaz ta' 'force majeure' u cioe' kif isegwi:

'Meta l-bidwi jonqos milli jwettaq u jonora l-obbligi u l-kundizzjonijiet ma' l-iskema b'konsegwenza ta' *force majeur* huwa ghandu jinnotifika lill-Agenzija tal-Pagamenti (MRAE) bi-miktub fi zmien ghaxart'ijiem minn mindu jsehh il-kaz fejn jispjega x'gara u jaghti ukoll il-provi mehtiega.'

L-ittra offerta tghamel elenku mhux ezawrjenti (ara l-uzu tal-kelma 'jistghu') ta' dak li jista' jitqies bhala 'force majeure'. Din il-parti tal-ittra offerta ma taghti l-ebda informazzjoni dwar x'jigri wara li tkun intbaghtet din l-ittra mill-bidwi.

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-ewwel pagament li rcieva l-konvenut kien ta' sbatax il-elf, tlett mija u dsatax-il Euro u hames centezmi (€17,319.05) nhar l-24 ta' Marzu, 2004.

Illi skond l-istess skema u skond dak li hareg mix-xhieda rapprezentanti tal-Agenzija jirrizulta li kien ikun il-bidwi stess li jindika l-eghlieqi mahduma minnu, il-hitan li ghandhom bzonn ta' restawr u l-kejl taghhom (b'mod partikolari l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Alexander Tabone li kien il-persuna li ghen lill-konvenut jimla l-inkaratamenti u li mieghu kien l-aktar jitkellem il-konvenut fl-ufficcju

tal-Agenzija f'Ghawdex – fol. 89 et seq). Mill-atti din il-Qorti ma sabet xejn li jikkontesta li hekk fil-fatt kienet is-sistema. L-istess skema tavza lill-bdiewa li kull sena kien jittiehed biss kampjun ta' 5% u jigi ccekkjat izda l-bdiewa ma jkunux jafu jekk humiex f'dan il-kampjun jew le. Fil-kaz tal-konvenut jirrizulta mill-atti li l-metragg ta' hitan li kellu l-konvenut qatt ma gie vverifikat qabel is-sena 2009. Kien f'din is-sena li l-Agenzija, fil-mument li kienet ser taffetwa l-pagamenti lill-Mario Vella irrizultala mis-sistema eletronika tal-IACS li l-hitan tas-sejjieh ta' lqugh elegibbli fis-sena 2005 u 2006 kien ta' 920.85m$^2$. Jirrizulta li konsegwenti ghal dan il-kejl inhargu zewg pagamenti ohra lill-konvenut bl-ammont ta' tlett elef, sitt mija u tmienja u tletin Euro u erbghin centezmu (€3683.40) li kienu jkopru is-snin 2005 u 2006. Mhux kontestat li fl-istess sena inhareg pagament iehor ta' elfejn, erba' mija u tnejn u hamsin Euro u tmenin centezmu (€2452.80) mahdum fuq il-metragg ta 613.20m$^2$ liema pagament kien intiz li jkopri is-sena 2007. L-Agenzija ssostni li f'dan l-istadju l-metragg eligibbli kien reggha naqas fl-imsemmija sena.

Illi mill-atti l-konvenut ma jidhirx li qed jikkontesta li allura huwa rcieva total ta' ghajnuna finanzjarja abbazi tal-iskema ghar-restawr tal-Hitan tas-Sejjieh ta' Lqugh ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, mija u tminja u tletin ewro u hamsa u sittin centezmu (€27,138.65) (ara fol. 12 tal-process).

L-Agenzija attrici ssostni li meta hija ndunat li kien hemm diskrepanza bejn il-metragg dikajrat mill-bidwi lura fis-sena 2004 u dak li nstab fuq is-sistema fis-sena 2009 ntbaghatu l-impjegati taghha fis-sit tar-raba tal-konvenut sabiex jivverifikaw l-metragg eligibbli tal-hitan tas-sejjieh. Fl-

affidavit ta' certu Mario Bajada (Principal Officer fi hdan l-ARPA) a fol. 85 et seq tal-process fost ohrajn huwa jixhed kif isegwi:

*'X'hin l-Agenzija indunat li kien hemm din id-diskrepanza fil-metragg saret verifika minni stess fuq kemm kellu raba lura fis-sena 2004 u rrizulta li l-metragg kellu jkun dak ta' 1011.55m2 u mhux ta' 4294.75m2 ghalhekk l-ammont korrett li kien intitolat jiehu fis-sena 2004 kien ta' €4046.20. Peress li kien irrizulta li Mario Vella kien thallas izzejjed, l-istess ma baqax jircievi pagamenti mill-Agenzija. Mario Vella kien thallas €13,272.85 aktar milli hu kien intitolat li jibbenefika minn din l-iskema.*

*Barra minn hekk, Mario Vella ma kienx onora l-kuntratt u dan peress li sas-sena 2009 ma kienx bena 613.20m2 bil-hitan tas-sejjieh. Fl-10 ta' April, 2010 kienet saret spezzjoni mill-inspectors tad-dipartiment u rrizulta li sa dik id-data kien bena biss 171.56m2 meta suppost sa dik id-data kellu jibni l-hitan tas-sejjieh kollha.*

*Gara izda li fl-2010 u l-2011, l-Agenzija ghal Pagamenti kienet sejhet lill-beneficcjarji kollha sabiex jindikaw jekk kienux irrestawraw il-hitan kollha, ghalhekk l-Agenzija kienet estendiet il-kuntratt ta' dan il-beneficjarji b'sena ohra bil-hsieb li l-beneficjarji jirrestawraw il-hitan kollh sal-eghluq tal-kuntratt. Mario Vella kien wiehed li bbenefika mill-estensjoni tal-kuntratt. Din l-estensjoni inghatat fl-10 ta' Jannar 2011 liema estensjoni kienet ghal sena u ghalhekk il-kuntratt gie jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2011, sa liema data Mario Vella kellu jirrestawra l-hitan tas-sejjieh tal-lqugh kollha u cioe' 613.20m2* ( ara dokument a fol. 11 tal-process).

*Fid-9 t'April, 2014 saret spezzjoni ohra mill-inspector tad-dipartiment u rrizulta li l-beneficcjarju Mario Vella kien bena biss 358.6m2 minn 613.20m2 li kien obligat li jirrestawra. B'dan ghalhekk li sas-sena 2014, 42% tal-hitan li kellhom jigu restawrati ma kienux gew hekk restawrati.'*

B'referenza ghad-dokument datat 10 ta' Jannar, 2011 l-Qorti tirrileva li ghalkemm l-intimat fis-sottomissjonijiet tieghu sostna li huwa ma ffirmax dan id-dokument, jidher car mid-dokument a fol. 11 tal-process li fil-fatt dan gie ffimat minnu.

Fuq l-istess linja xehedu diversi impjegati ohra tal-Agenzija fosthom Charlo Camilleri li fl-affidavit tieghu a fol. 53 et seq tal-process jixhed kif isegwi:

*'Regghet saret laqgha ohra fis-7 ta' Mejju 2012 fejn Mario Vella gie spjegat li sabiex ma jirrifondix il-flus lura, huwa kellu jonora l-kuntratt u jireistawra l-hitan tas-sejjieh tal-lqugh hekk kif kien misthoqq minnu skond il-kuntratt u l-linji gwida. Waqt din il-laqgha Mario Vella baqa jishaq li biex ikompli jibni l-hitan huwa kellu bzonn aktar fondi, biss dan ma kienx possibbli li jsir peress li huwa kien gia nghata fondi zejda. Gie infurmat ukoll li jekk ma jibnix il-hitan jew ma jirrifondix lura l-ammont zejjed ta' €13,272,85 kien ser jinfethu proceduri legali kontrih.*

*Gara li Mario Vella qatt ma rrifonda l-flus lura u wisq anqas ma kein bena l-hitan tas-sejjieh kolha u ghalhekk kif kien gie infurmat f'Mejju, 2012, infethu dawn il-proceduri kontrih.' (fol. 54/55)*

L-istess xhud ezebixxa numru ta' ittri mibghuta lill-konvenut fejn huwa gie mitlub l-ewwel jirrifondi l-ammont zejjed mhallas lilu u finalment l-ammont kollu abbazi li huwa ma zammx mal-obbligi tieghu skont l-iskema (ara fol. 82 et seq). Il-konvenut ikkontesta l-istess ittri fejn sostna 'li dawn l-hitan huma mibnijin kwazi kollha' (ara fol. 84).

Fil-kontro-ezami tieghu dan ix-xhud fost affarijiet ohra jispjega ghalfejn l-ewwel intalbet id-differenza minhabba d-differenza fil-kejl attwali ma dak dikjarat, imbaghad ntalab l-ammont kollu peress li allegatament il-konvenut ma zammx mal-obbligi tieghu skond l-iskema. Dan ix-xhud jammetti li ghal bidu lura fis-sena 2004 kien hemm nuqqas ta' kjarezza dwar kif tahdem l-iskema (fol. 248). Jammetti wkoll li fis-sena 2009 sar ir-*review* ghaliex ma kienux qed isiru l-kontrolli amministrattivi

Illi skont l-affidavit ta' Mario Gambin (inspector's co-ordinator fil-Control Unit) irrizulta li fl-applikazzjoni sottomessa fil-21 ta' April 2004 parti mill-hitan tas-sejjieh dikjarati kienu gew dikjarati darbtejn ghaliex ikunu tnizzlu fuq zewg eghlieqi ghalkemm kien hajt wiehed bir-rizultat li l-konvenut thallas aktar fondi minn kemm kien intitolat ghalih ghaliex thallas darbtejn fuq l-istess hitan. L-istess xhud jghid li Mario Vella ma kienx onora l-kuntratt u dan peress li sas-sena 2009 ma kienx bena 613.20m$^2$ bil-hitan tas-sejjieh. A fol. 367 fil-kontro-ezami tieghu jikkonferma li skont ir-raba' li kellu l-konvenut il-massimu ta' ghajnuna li seta jiehu kien fuq 1011 m$^2$. A fol. 370 gie esebit wkoll ritratt mill-ajru li juri l-estensjoni tal-hitan li gew dikjarati darbtejn kif ukoll hitan li skont ix-xhud suppost saru hitan tas-sejjieh u saru hitan bil-kantun.

A fol. 356 giet esebita mix-xhud Robert Vella 'checklist' tal-istess hitan li tispjega fid-dettal liema hitan instabu li jikwalifikaw ghall-iskema fl-ammont ta' 359.6m², 18m² ma jikwalifikawx ghax ma jzommux hamrija u 1168.97m² jzommu l-hamrija izda nbnew mhux bis-sejjieh allura mhux skont l-iskema.

Stante li fil-mori tal-kawza tqajjmu diversi domandi da parti tal-konvenut dwar kif ghandhom ukoll jitkelju l-hitan tas-sejjieh ai fini ta' sussidju, Charlo Camilleri fil-kontro-ezami tieghu spjega li sa fejn jaf hu dawn dejjem tkejlu minn wicc il-hamrija u mhux mill-pedamenti. Fuq l-istess linja kienu r-risposti moghtija mix-xhieda l-ohra rapprezentanti tal-Agenzija rikorrenti fosthom ta' Mario Gambin a fol. 354 li sostna li kemm kien ilu jahdem hu fid-dipartiment qatt ma sema li l-hitan kienu jitkejlu mill-pedamenti.

Da parti tieghu l-konvenut Mario Vella jikkontesta li huwa debitur tal-Agenzija attrici u fl-affidavit tieghu a fol. 195 et seq jinsisti li huwa kien bena hajt kbir tas-sejjieh izda kien waqalu ghal darba darbtejn minhabba l-maltemp. Dan il-hajt kien gholi madwar zewg sulari. Ghalkemm a fol. 196 jghid li jaf li l-hitan sussidjati jridu jkunu tas-sejjieh hu jishaq li allegatament kien hemm ftehim biex wara li l-hajt waqa ghat-tieni darba allura dan isir tal-kantun. Isostni li dan il-ftehim sar ma Joel Zammit. Da parti tieghu Joel Zammit fix-xhieda tieghu (fol. 416) jichad li qatt kien hemm dan il-ftehim. A fol. 281 giet esebita kopja ta' ittra datata 7 ta' Ottubru, 2005 iffirmata minn Mario Vella fejn huwa filwaqt li jaghmel referenza ghall-applikazzjoni tieghu ghas-sussidju fuq il-hitan tas-sejjieh, jindika li fl-4 ta' Ottubru, 2005 huwa kien bena hajt tas-sejjieh ta'

tul 350 pied u gholi ta' 17-il pied li gratlu hsara kbira u li kien ser ikollu jerga jibnieh. Fl-ittra l-konvenut jitlob jekk hux possibli li jerga jiehu ghajnuna fuq din il-hsara. **Fl-atti ma jirrizultax li l-konvenut qatt rcieva risposta kemm posittiva jew negattiva ghall-istess talba**.

Illi Joel Zammit izda fix-xhieda tieghu a fol. 416 et seq jikkonferma li huwa ra b'ghajnejh il-hajt tas-sejjieh li kiem inbena u li wara kien waqa u fil-fatt jixhed kif isegwi:

*'l-iktar wahda li niftakar sew, meta kien bena hajt tas-sejjieh, imbaghad ftit taz-zmien wara ghamlet maltempata caqalqet blata, u waqqahulu kollu. . . . kbir.... il-hajt rajtu mibni ma rajtux meta rega waqa. Imma mibni kont rajtu. . .tas-sejjieh . . imbaghad meta waqa, jigifieri kont, kien avzana li waqa, u ghidnielu mhabba li skema jrid jerga jinbena . . . ghax dik konna nghiduha lil kull min kien jirrapporta, jigifieri f'dak il-maltemp kien hemm diversi bdiewa li waqghalhom il-hajt u kollha ghidnielhom l-istess haga li trid terga' tibnieh ghax li skema kienet izommhom ghal numru ta' snin, ma niftakarx ezatt kemm, imma kien tul sew ta' zmien . . .' ma jafx regax bnieh 'bil-fors hajt tas-sejjieh, ghax dik kienet li skema. . . . naf li ghamilna zmien konna qed nikkunsidraw illi naraw nirrangawlux biex forsi ngibu xi gageg tal-hadid biex naghmluh simili tac-Chadwick Lakes, biex izomm il-gebel, imbaghad ma nafx x'kien gara.'*

A fol. 421 ikompli:

*'ifhimni, l-problema kienet vizibbli ghax il-hajt kien waqa, jigifieri konna rajnieh illi kien inbena u kien rega waqa. . . . jien niftakar dik id-darba meta kien*

*lestieh, kien gie vera sabih u kien waqa bil-maltemp ftit tal-gimghat wara li konna rajnieh'*

Dan ix-xhud jinsisti li ma jiftakarx li qatt kien hemm problemi fuq il-kejl u cioe' dwar kif jitkejlu l-hitan kif jaccenna l-intimat f'dawn il-proceduri.

A fol. 89 jaghti x-xhieda tieghu Alexander Tabone (senior agricultural officer fil-Ministeru ghal Ghawdex, sezzjoni progetti u zviluppi). Huwa jsostni li jaf lil Mario Vella peress li kien imur l-ufficju tal-Agenzija f' Ghawdex biex jirregistra r-raba tas-sussidju. Jghid li kien hu li spjega lil konvenut kif tahdem l-iskema lura fl-2004. Jikkonferma li kien mar ikellmu bil-hajt li waqalu u x'inhi s-sistema f'dak il-kaz u cioe' li l-ftehim tas-sussidju kien jorbot lill-bidwi li jzomm il-hajt mantnut ghal 25 sena. Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 296 et seq jikkonferma li kienu saru laqghat informattivi ghall-bdiewa u nghata xi fuljett:

*'iva, konna ghidnielhom, konna ghidnielhom li l-hajt irid jibqa jiehu hsiebu sa hamsa u ghoxrin (25) sena, irid ikun jilqa' l-hamrija u affarijiet hekk. . . . jekk jaqghalhom ... irid jibnih minn flusu mbaghad.'*

Dan ix-xhud jikkonferma fil-kontro-ezami li l-bdiewa ma ffirmawx kuntratt izda ffirmaw pjan ta' tmexxija (fol. 301) esebit a fol. 5 tal-process. A fol. 303 jikkonferma li ntbaghtu xi pagamenti lill-bdiewa qabel il-pjan ta' tmexxija u jikkonferma li kellmu Mario Vella u qallu li kien sorpriz li gia rcieva l-flus. Jikkonferma li mal-applikazzjoni kien il-bidwi li jghidilhom il-kejl tal-hitan li ser jitrangaw u jiftakar li l-konvenut kien qallu li kienet ghamlet ix-xita u waqalu l-hajt (ara fol. 308)

u hu stess kien ra l-hitan imwaqqghin. A fol. 310 jghid li jaf li finalment inbena hajt tal-kantun u baqa hemm.

Sabiex jikkorabora l-fatt li dan il-hajt inbena ghal darba, darbtejn u waqa bil-maltemp xehed l-istess persuna li bnieh cioe' Joseph Cardona (a fol. 388 et seq). Jiddeskrivi dan il-hajt bhala:

*'hajt tas-sejjieh kbir u giet maltempata u waqa . . . hajt tas-sejjieh gholi zewg sulari – wiesa sitt piedi – il-hajt il-kbir biss waqa.'*

Jsostni wkoll li Mario qallu biex jerga jibnih u li ser jghinu. A fol. 392 jghid li rega' waqa mbaghad il-konvenut gab tal-kantun u regghu bnewh u ma waqax. Jghid li minn dejjem kien fis-sengha tal-hitan tas-sejjieh u l-uniku hajt li qatt kellu l-problemi kien tal-konvenut. Jikkonferma li l-konvenut hallsu mal-ghaxart'elef maltin (Lm10,000) u li l-hitan kollha fir-raba' tal-konvenut nbnew (fol. 396).

A fol. 440 et seq xehed Mario Mizzi li kien il-kap tat-taqsima responsabbli mill-iskema bejn l-2004 sa s-sena 2007 f'Ghawdex. Jikkonferma li kienu saru laqghat mal-bdiewa meta giet mnedija l-iskema. Dwar x'jigri f'kaz ta' 'forza magguri' jghid li kienet issir ittra meta jaqa hajt u tintbaghat Malta imma ma tibqax taht idejn id-Dipartiment f'Ghawdex. Jsostni li huma ma kienux jiggudikaw x'ser jigri mill-materja tal-ittra u jikkonferma li l-ittra kienet tinkiteb minhabba l-klawzola tal-forza magguri. Ittra f'dan is-sens kienet intbaghtet mill-konvenut nhar is-7 ta' Ottubru, 2005 (fol. 281). Mill-atti

jirrizulta li kienu jkunu l-istess haddiema fid-Dipartiment f'Ghawdex li jghinu lill-bdiewa jiktbu l-ittra.

A fol. 456 il-konvenut esebixxa dikjarazzjoni tal-Perit Karmenu Borg fejn jiddikjara li l-konvenut bena mitejn u hamsa u sittin il-qasba kwadra (265) hitan u li dawn ghandhom valur ta' seba' u ghoxrin elf, disa' mija u tlieta u hamsin Euro (€27,953).

Il-Qorti ticcara li filwaqt li hija rat u qieset kelma b'kelma x-xhieda kollha u provi esebiti fl-atti, dak suespost mhux intiz li jkun sommarju tal-provi kollha izda ntiz li jaghti retroxxena qasira tal-fatti tal-kaz.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment</u>**

Illi wara li l-Qorti rat il-fatti kollha esposti lilha fil-kaz odjern tqis li l-vertenzi principali bejn il-partijiet huma s-segwenti:

1. Il-hlas lura ta' flus mhallsa zejda fuq hitan li jew gew ikkunsidrati darbtejn jew ma kellhomx jigu nkluzi;
2. Il-hlas lura tal-flus kollha rcevuti mill-konvenut stante li skont l-agenzija attrici l-konvenut naqas milli jibni l-hitan ta' lqugh bis-sejjieh kif kien obbligat li jaghmel sabiex jikwalifika ghas-sussidju w'ghalhekk skont l-agenzija ghandu jitqies li huwa bi ksur tal-ftehim li jwassal ghat-telf tas-sussidju kollu mhallas lilu;
3. X'jigri fil-kaz ta' hitan li jaqghu rizultat ta' forza magguri.

1. Il-hlas lura ta' flus mhallsa zejda fuq hitan li jew gew ikkunsidrati darbtejn jew ma kellhomx jigu nkluzi:

Illi mill-provi fl-atti l-Qorti tqis li gie sufficjentement pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-ammont ta' hitan li ghalihom il-konvenut kien jikwalifika ghal sussidju taht l-iskema in kwistjoni kien ta' 1011 $m^2$ u mhux dak originarjament indikat mill-konvenut fl-applikazzjoni u cioe' 4294.75$m^2$. Il-Qorti taghmel referenza ghall-applikazzjoni esebita a fol. 5 tal-process imsejha Pjan ta' Tmexxija fejn a fol. 6 tal-process hemm imnizzla dikjarazzjoni li l-applikant (iffirmat fuq l-istess dokument) jaf x'inhuma s-sanzjonijiet u l-pieni applikabbli f'kaz ta' dikjarazzjoni mhux korretta da parti tieghu fuq l-istess applikazzjoni fosthom li tintilef l-ghajnuna. Il-Qorti qed taghmel din ir-referenza u emfasi fuq il-firma tal-konvenut f'dan id-dokument stante li fis-sottomissjonijiet tieghu huwa jiprova jaghti x'jifhem li t-tort ta' kollox huwa tal-Agenzija ghaliex ma vverifikatx il-kejl hi stess. Din id-dikjarazzjoni izda xxejjem il-pretensjoni tal-konvenut stante li l-obbligu tad-dikjarzzjoni korretta u veritiera kien fuq il-bidwi li ffirma u mhux fuq l-Agenzija.

Illi l-kejl divers irrizulta wara diversi spezzjonijiet li saru mill-impjegati tal-Agenzija attrici anki fi granet u perjodi diversi. Certament il-konvenut ma jistax jipretendi li huwa jzomm flus ghal sussidju li ma kienx jikwalifika ghalih, aktar u aktar meta huwa kien jaf li x-xogholjiet kienu ser ikunu suggett ta' skrutinju mill-Agenzija attrici anki stante li 80%tal-fondi kienu gejjin minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Huwa car mill-ittra ta' l-offerta esebita a fol. 7 tal-process liema ittra huwa rcieva wara li ffirma l-pjan ta' tmexxija illi s-somma originali li kellu jircievi l-

konvenut kienet marbuta mal-hitan dikjarati minnu fl-applikazzjoni ghall-ammont ta' 4294.75m$^2$ u ghalhekk huwa evidenti li, la darba l-hitan effettivament huma ferm anqas, allura l-ammont ta' sussidju jonqos drastikament. L-istess ittra ta' l-offerta tiprovdi ghal pieni f'kaz ta' informazzjoni falza u tiprovdi dwar il-hlas lura tal-flus (ara fol. 8 u 9 tal-process). Kif gia inghad fil-pjan ta' tmexxija ffirmata mill-konvenut a fol. 6 tal-process huwa jiddikjara li jaf x'inhuma s-sanzjonijiet u l-pieni f'kaz ta' dikjarazzjoni falza.

Illi in oltre, ghalkemm il-konvenut prova jallega fil-mori tal-kaz li kien hemm xi ghelieqi li fuqhom kien jikwalifika u li tnehhew ingustament mill-applikazzjoni tieghu, dan bl-ebda mod ma gie ppruvat fl-atti. Anzi jirrizulta li l-uniku eghlieqi li tnehhew kien ghaliex il-hitan kienu gia inkorporati f'ghelieqi ohra li taghhom huwa thallas jew altrimenti tnehhew hitan li ma kienux jikwalifikaw bhala hitan tas-sejjieh tal-lqugh allura mhux koperti bl-iskema. Fil-bqija l-Qorti ma tqisx li gie pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi l-ammont ta' ghelieqi li suppost gew meqjusa izda skont il-konvenut ma gewx maghduda ghall-fini ta' sussidju. Verament issemmew xi eghlieqi u gew esebiti xi pjanti izda minn dawn id-dokumenti ma setghet tasal ghal ebda konkluzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-Agenzija. Il-Qorti tirrileva li lanqas fis-sottomissjonijiet tieghu l-konvenut ma prova jaghti dawl dwar il-prova li huwa ried iressaq permezz tad-dokumenti esebiti dwar dan il-punt.

Illi ghar-ragunijiet suesposti din il-Qorti tqis li t-talba sabiex jigu mhallsa lura mill-konvenut lill-Agenzija attrici l-flus zejda mhallsa fuq hitan li

mhux inkluzi fl-iskema hija gjusta u timmerita li tigi milqugha. Ai termini tat-tabella ta' pagamenti a fol. 12 tal-process, liema tabella bl-ebda mod ma giet kontestata mill-konvenut, il-konvenut thallas is-somma ta' seba' u ghoxrin Elf, mija u tmienja u tletin Euro u hamsa u sittin centezmu (€27,138.65) b'kollox, filwaqt li skont l-istess tabella u ghalhekk skont il-kalkoli korretti l-konvenut kellu jircievi s-somma ta' tlettax-il Elf, tmien mija u hamsa u sittin Euro u tmenin centezmu (€13865.80), b'dana li jirrizulta sufficjentement pruvat fl-atti li l-konvenut ircieva s-somma ta' tlettax il-elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u erba' u tmenin centezmu (€13,272.84) aktar. Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tordna li l-konvenut ihallas lura lill-agenzija attrici is-somma ta' tlettax il-elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u erba' u tmenin centezmu (€13,272.84).

<u>2. Il-hlas lura tal-flus kollha rcevuti mill-konvenut stante li skond l-agenzija attrici l-konvenut naqas milli jibni l-hitan ta' lqugh bis-sejjieh kif kien obbligat li jaghmel sabiex jikwalifika ghas-sussidju w'ghalhekk skond l-agenzija ghandu jitqies li huwa bi ksur tal-ftehim li jwassal ghat-telf tas-sussidju kollu mhallas lilu u 3. X'jigri fil-kaz ta' forza magguri;</u>

Illi fir-rigward tas-somma rimanenti l-Agenzija attrici tinsisti li l-konvenut ghandu jigi dikjarat li naqas mill-obbligi tieghu ai termini tal-iskema b'dana li jiskattaw il-pieni applikabbli skond il-pjan ta' tmexxija ffirmat minnu. L-agenzija ssostni li n-nuqqas tal-konvenut kien li ma beniex il-hitan kollha li kienu jikwalifikaw bhala hitan tas-sejjieh anzi bena biss 358.6m2 f'hitan tas-sejjieh filwaqt li r-rimanenti llum il-gurnata jidher li huma mibnija f'hitan tal-kantun. Skont il-pjan ta' tmexxija il-

hitan tas-sejjieh kellhom jitlestew fuq massimu ta' hames snin sas-sena 2009 izda f'Jannar 2011 gie ffirmat ftehim iehor bejn il-partjiet fejn il-konvenut bil-firma tieghu obbliga ruhu li jaghmel dan sa l-ahhar ta' Dicembru, 2011. Skont ix-xhud Charlo Camilleri a fol. 53 et seq waqt laqgha datata 7 ta' Mejju, 2012 l-konvenut gie mwissi li jekk ma kienx ser jibni l-hitan kif suppost kienu ser jinfethu proceduri kontra tieghu.

Illi l-Qorti f'dan il-kuntest ikkunsidrat il-fatt pruvat li l-konvenut kien bena hajt tas-sejjieh ta' daqs mhux zghir bis-sejjieh (skond l-ittra a fol. 281 tal-process 'tul ta' 350 pied u gholi ta' 17 il-pied') u li dan il-hajt tas-sejjieh inbena darbtejn u waqa darbtejn u li finalment mat-tielet darba il-konvenut ghamlu tal-hajt tal-kantun. Gie pruvat ukoll li s'issa wara li sar tal-kantun dan il-hajt ma regax waqa'.

Illi kien l-istess konvenut li fis-sena 2005 permezz ta' ittra mibghuta lill-Agenzija nforma lill-istess agenzija b'dak li gara mill-hajt (dan ai termini tal-procedura f'kaz ta' 'forza magguri') kif mnizzla fl-ittra ta' l-offerta a fol. 8 u 9 tal-process. L-ittra tinsab esebita a fol. 281. Sfortunatament l-istess ittra ta' l-offerta ghalkemm tiprovdi ghal procedura li ssir ittra f'kaz ta' cirkustanzi 'force majeure' fi zmien qasir ta' ghaxart'ijiem minn mindu jsehh il-kaz minn naha l-ohra ma tiprovdix x'ghandu jsir mill-Agenzija wara li tircievi l-istess ittra. Fl-atti kien hemm xhieda li semmew li l-kazijiet kienu jkunu kkunsidrati *'on a case by case basis'* (ara xhieda ta' Joel Zammit a fol. 416 tal-process) izda ma tressqet l-ebda prova dwar xi procedura partikolari, wisq anqas dwar x'sar fuq l-ittra u t-talba tal-konvenut da parti tal-Agenzija. Anzi l-Agenzija permezz ta' din il-kawza qed titlob li jigu rifuzi wkoll il-flus dovuti fuq il-hajt tas-

sejjieh li inbena ghal darba, darbtejn izda waqa. Dan l-Agenzija qed taghmlu abbazi tal-obbligu tal-bdiewa skont l-istess ittra ta' l-offerta li jiehdu hsieb il-hitan li jkunu nbnew bil-flus tal-iskema ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena.

Il-Qorti kkunsidrat li huwa minnu li finalment il-konvenut bena l-hajt in kwistjoni bil-gebel tal-kantun u dan certament ma jikwalifikax taht l-iskema. Izda fil-frattemp il-konvenut qatt ma nghata risposta ghall-ittra tieghu datata 7 ta' Ottubru, 2005 dwar jekk il-kaz tal-hajt in kwistjoni kienx qed jigi kkunsidrat bhala kaz ta' 'forza magguri' u allura jekk l-obbligu tieghu almenu fuq dak il-hajt li waqa kienx qed jigi varjat jew eliminat. Il-Qorti tirrikonoxxi li fl-istess ittra l-konvenut talab li jerga jinghata sussidju izda dan ma setax isir stante li l-istess skema tobbliga l-bidwi jmantni l-hitan ghal hamsa u ghoxrin (25) sena u minn kliem ir-rapprezentanti tal-Agenzija teskludi l-possibilita' li jergghu jigu ssussidjati l-istess hitan. Nonostante dan il-Qorti tqis li kellha almenu tintbaghat risposta hi x'inhi lill-konvenut sabiex dan ikollu linja gwida bil-miktub dwar xi jrid jaghmel f'dan il-kaz, aktar u aktar wara li l-istess skema tobbligah li jaghmel l-ittra! Il-Qorti qed issostni dan stante li fl-ittra tal-offerta fis-sezzjoni numru 2 taht it-titolu ta' obbligu u kundizzjoni marbuta ma' l-iskema jinghad kif isegwi:

'jaghrfu u jafu xi jfisser li fil-kaz li jigi kkonfermat li d-dikjarazzjoni taghhom ma tkunx korretta jew fil-kaz li ma jigux rispettati l-obbligi, **hlief f'kaz ta'** ***Force Majeure*** (emfasi tal-Qorti), jigu applikati l-mizuri skond il-ligi ta' l-Agenzija tal-Pagamenti ta' Malta.'

Minn dan il-paragrafu fil-kuntest ukoll tal-kontenut kollu tal-'ittra tal-offerta' u l-'pjan ta' tmexxija' l-Qorti tifhem li allura *a contrario senso* f'kaz ta' forza magguri jista' jkun hemm lok li ma jigux applikati l-mizuri fosthom il-proceduri odjerni sabiex il-bidwi jhallas lura s-sussidju kollu mhallas lilu. Il-Qorti jkollha tammetti li mill-'ittra tal-offerta' mhux car x'jigri ezatt wara li tinbaghat l-ittra fejn il-bidwi jindika il-forza magguri izda tqis li zgur mhux accettabbli li jinfethu proceduri legali mill-Agenzija kontra l-konvenut fuq ksur tal-obbligi tieghu abbazi li l-hajt in kwistjoni issa nbena bil-gebel tal-kantun u mhux tas-sejjieh wara li waqa darbtejn **<u>minghajr ma almenu taghti sodisfazzjoni lill-konvenut billi tiprovdi risposta ghall-ittra tieghu tas-7 ta' Ottubru, 2005 (fol. 281).</u>** Almenu b'dan il-mod il-bidwi seta jidderigi ruhu ahjar dwar x'kellu jaghmel b'dan il-hajt li evidentement gie pruvat li ghandu d-diffikultajiet tieghu mhux zghar sabiex jinbena tas-sejjieh u ma jaqax. Il-Qorti dan izda qed tghidu minghajr pregudizzju ghall-fatt li mill-atti rrizulta li mhux dan il-hajt partikolari biss inbena finalment bil-kantun izda jidher li hemm hitan ohra li sal-lum inbnew bil-kantun jew partijiet minnhom u allura ma jikwalifikawx ghas-sussidju bhala hitan tas-sejjieh ta' lqugh. Il-Qorti f'dan l-istadju ma teskludix ukoll li dan seta sar minhabba d-diffikultajiet li qed isib il-bidwi fl-inhawi partikolari meta jaghmel il-maltemp u jgorr il-hitan tas-sejjieh bl-ilmijiet.

Illi stante wkoll li l-bidwi huwa marbut b'terminu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena sabiex izomm mantnuti l-hitan li jibni ai termini tal-iskema in kwistjoni din il-Qorti wkoll ma teskludix li fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz fejn waqa zgur hajt minnhom mhux zghir ghal darba darbtejn allura l-bidwi kellu jew ghandu jinghata l-opportunita' li dawn il-hitan li saru

bil-kantun (forsi anki ghaliex ma kellux direzzjoni cara x'ghandu jaghmel) jergghu isiru tas-sejjieh sabiex b'hekk ma jitlifx il-jedd ghas-sussidji mhallsa lilu, specjalment la darba ghadu qatt ma rcieva risposta ghall-ittra tieghu datata 7 ta' Ottubru, 2005 dwar x'ghandu jaghmel fil-kaz ta' dawk il-hitan li qed jaqghu minhabba l-ilmijiet. Il-Qorti tqis li mill-anqas il-konvenut ghandu jkun infurmat jekk dik l-istanza hijiex ikkunsidrata bhala 'forza magguri' jew le u x'jigri f'dak il-kaz.

Illi in vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tqis li t-talba tal-Agenzija attrici sabiex il-bidwi jirrifondi l-flus imhallsa lilu f'sussidju koprenti l-hitan li effettivament kienu jikwalifikaw ghas-sussidju fis-somma ta' tlettax il-elf, tmien mija u hamsa u sittin Euro u tmenin centezmu (€13,865.80), f'dan l-istadju, fin-nuqqas ta' risposta ghall-ittra tal-konvenut datata 7 ta' Ottubru, 2005 li titlob ghall-applikazzjoni tal-'force majeure' hija ntempestiva u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Illi in oltre f'dawn ic-cirkustanzi li sab ruhu l-konvenut u cioe' li uhud mill-hitan nbnew kif suppost izda qed jaqghu konsegwenza tal-maltemp din il-Qorti ma tqisx li l-konvenut ghandu jigi penalizzat oltre billi jintalab il-hlas lura sahansitra tas-sussidju fuq il-hitan li huma ezistenti fuq is-sit u mibnija kif impost fl-istess skema – cioe' bhala hitan tas-sejjieh ta' lqugh. F'dan is-sens din il-kawza tentata mill-Agenzija hija ezempju tipiku ta' meta 'l-hmar il-maghkus idur ghalih id-dubbien' u tistieden lill-Agenzija attrici tiehu l-kaz tal-konvenut bis-serjeta u tiprova tasal ghal ftehim dwar x'jista' jsir sabiex tigi solvuta l-problema serja li sab ruhu nfaccat biha l-konvenut u mhux tkissru aktar.

**Flus sekwestrati:**

Illi mill-atti b'mod partikolari a fol. 453 et seq tal-process jirrizulta li pendenti l-kawza gew sekwestrati lill-konvenut favur l-Agenzija attrici ammonti ta' flus li jmorru oltre s-somma ta' erbghin Elf Euro (€40,000). Dawn il-flus sekwestrati ser jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti fid-decizjoni taghha bl-ghan li dak li ser jigi dikjarat dovut mill-konvenut lill-Agenzija attrici ghandu jitnaqqas mill-ammont sekwestrat filwaqt li s-somma rimanenti eskluz l-ispejjez tal-kawza kif ser jigu decizi l-Qorti qed taghti direzzjoni li dawn ghandhom jigu rilaxxati lura lill-konvenut, dejjem suggett li jsiru l-proceduri legali quddiem il-Qorti kompetenti sabiex dawn l-ammonti jigu rilaxxati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. tilqa' in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenut sakemm dawn huma kompatibbli ma dak hawn deciz u tichadhom fir-rimanenti;
2. tilqa' in parte l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut Mario Vella huwa kreditur tal-Agenzija attrici ghas-somma ta' tlettax-il elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€13,272.85) filwaqt li tichad l-ewwel talba fir-rigward tas-somma rimanenti pretiza stante li t-talba ghal hlas taghha hija wahda intempestiva u ngusta fic-cirkustanzi;

3. tilqa' t-tieni talba in parte u tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut Mario Vella lill-Agenzija attrici ghas-somma ta' tlettax-il elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€13,272.85)

4. tilqa' t-tielet talba in parte u tordna lill-konvenut ihallas lill-Agenzija attrici is-somma ta' tlettax-il elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€13,272.85) b'dana izda li stante li jirrizulta mill-atti li l-Agenzija attrici ssekwestrat favur taghha ammonti ferm akbar minghand l-intimat mis-somma hawn likwidata s-somma dovuta mill-intimat ghandha tittiehed mis-somma hekk sekwestrata favur l-Agenzija filwaqt li r-rimanenti (salv l-ispejjez ta' din il-procedura kif decizi) ghandhom jigu rilaxxati favur l-intimat.

Fic-cirkustanzi l-ispejjez tal-kawza jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

(ft.) Dr Joanne Vella Cuschieri
Maġistrat

(ft.) Dorianne Cordina
D/Reġistratur

Vera kopja

D/Reġistratur